SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

24 ta' Settembru 2019*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Data personali – Protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' din id-data – Direttiva 95/46/KE – Regolament (UE) 2016/679 – Muturi ta' tfittxija fuq l-internet – Ipproċessar tad-data li tidher fuq paġni tal-internet – Portata territorjali tad-dritt għat-tneħħija ta' referenza"

Fil-Kawża C-507/17,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari taħt l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, Franza), permezz ta' deċiżjoni tad-19 ta' Lulju 2017, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-21 ta' Awwissu 2017, fil-proċedura

Google LLC, suċċessur fid-drittijiet ta' Google Inc.,

vs

Commission nationale de l'informatique et des libertés (CNIL),

fil-preżenza ta':

Wikimedia Foundation Inc.,

Fondation pour la liberté de la presse,

Microsoft Corp.,

Reporters Committee for Freedom of the Press *et,*

Article 19 *et,*

Internet Freedom Foundation *et,*

Défenseur des droits,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn K. Lenaerts, President, A. Arabadjiev, E. Regan, T. von Danwitz, C. Toader u F. Biltgen, Presidenti ta' Awla, M. Ilešič (Relatur), L. Bay Larsen, M. Safjan, D. Šváby, C. G. Fernlund, C. Vajda, u S. Rodin, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Szpunar,

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

Reġistratur: V. Giacobbo-Peyronnel, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-11 ta' Settembru 2018,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal Google LLC, minn P. Spinosi, Y. Pelosi u W. Maxwell, avukati,

– għall-Commission nationale de l'informatique et des libertés (CNIL), minn I. Falque-Pierrotin, J. Lessi u G. Le Grand, bħala aġenti,

– għal Wikimedia Foundation Inc., minn C. Rameix-Seguin, avukat,

– għall-Fondation pour la liberté de la presse, minn T. Haas, avukat,

– għal Microsoft Corp., minn E. Piwnica, avukat,

– għal Reporters Committee for Freedom of the Press *et*, minn F. Louis, avukat, H.-G. Kamann, C. Schwedler u M. Braun, Rechtsanwälte,

– għal Article 19 *et*, minn G. Tapie, avukat, G. Facenna, QC, u E. Metcalfe, barrister,

– għal Internet Freedom Foundation *et*, minn T. Haas, avukat,

– għad-Défenseur des droits, minn J. Toubon, bħala aġent,

– għall-Gvern Franċiż, minn D. Colas, R. Coesme, E. de Moustier u S. Ghiandoni, bħala aġenti,

– għall-Irlanda, minn M. Browne, G. Hodge, J. Quaney u A. Joyce, bħala aġenti, assistiti minn M. Gray, BL,

– għall-Gvern Elleniku, minn E.-M. Mamouna, G. Papadaki, E. Zisi u S. Papaioannou, bħala aġenti,

– għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn R. Guizzi, avvocato dello Stato,

– għall-Gvern Awstrijak, minn G. Eberhard u G. Kunnert, bħala aġenti,

– għall-Gvern Pollakk, minn B. Majczyna, M. Pawlicka u J. Sawicka, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn A. Buchet, H. Kranenborg u D. Nardi, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2019,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 15, p. 355).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn, minn naħa, Google LLC, suċċessur fid-drittijiet ta' Google Inc., u, min-naħa l-oħra, il-Commission nationale de l'informatique et des libertés (il-Kummissjoni Nazzjonali tal-Informatika u tal-Libertajiet, Franza) (iktar 'il quddiem iċ-"CNIL") fir-rigward ta' sanzjoni ta' EUR 100 000 imposta minn din tal-aħħar fil-konfront ta' Google minħabba r-rifjut ta' din il-kumpannija, meta hija tilqa' talba għal tneħħija ta' referenza, li tapplika din it-tneħħija ta' referenza fuq l-estensjonijiet kollha tal-isem tad-domain tal-mutur ta' tfittxija tagħha.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

Id-Direttiva 95/46

3 Id-Direttiva 95/46 għandha, skont l-Artikolu 1(1) tagħha, l-għan li tipproteġi l-libertajiet u d-drittijiet fundamentali ta' persuni fiżiċi, b'mod partikolari l-ħajja privata tagħhom, fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali, kif ukoll l-eliminazzjoni tal-ostakoli għall-moviment liberu ta' din id-data.

4 Il-premessi 2, 7, 10, 18, 20 u 37 tad-Direttiva 95/46 jipprovdu:

"(2) Billi s-sistemi ta' l-ipproċessar ta' data huma maħsuba biex jaqdu lill-bniedem; billi, indipendentement miċ-ċittadinanza jew residenza ta' persuna naturali, huma għandhom jirrispettaw id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali, l-aktar id-dritt għall-ħajja privata, u jaghtu sehemhom għall-[…] ġid tal-persuna;

[…]

(7) Billi d-differenza fil-gradi ta' protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuna, l-aktar id-dritt għall-ħajja privata, fl-ipproċessar ta' data personali li hemm fl-Istati Membri tista' tfixkel it-trasmissjoni ta' dik id-data mit-territorju ta' Stat Membru għal dak ta' Stat Membru ieħor; billi din id-differenza tista' għalhekk tkun ta' ostakolu biex jinġiebu 'l quddiem għad ta' attivitajiet ekonomiċi fil-livell tal-Komunità, […];

[…]

(10) Billi l-għan tal-liġijiet nazzjonali dwar il-proċessar ta' data personali huwa l-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali, l-aktar id-dritt għall-ħajja privata, li huwa rikonoxxut kemm fl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950,] u fil-prinċipji ġenerali tal-liġi tal-Komunità; billi, għal dik ir-raġuni, l-approssimazzjoni ta' dawk il-liġijiet m'għandhiex bħala riżultat ta' dan tnaqqas mill-protezzjoni minnhom mogħtija, imma għandha, għall-kuntrarju, tfittex li tassigura grad għoli ta' protezzjoni fil-Komunità;

[…]

(18) Billi, sabiex ikun assigurat li individwi ma jiċċaħdux mill-protezzjoni li għandhom dritt għaliha b'din id-Direttiva, kull ipproċessar ta' data personali fil-Komunità għandu jsir skond il-liġi ta' wieħed mill-Istati Membri;

[…]

(20) Billi l-fatt li l-ipproċessar ta' data jsir minn persuna stabbilita f'pajjiż terz m'għandux ikun ta' xkiel għall-protezzjoni ta' l-individwu kif provdut f'din id-Direttiva; billi f'dawn il-każi, l-ipproċessar għandu jkun regolat bil-liġi ta' l-Istat Membru li fih ikunu jinsabu l-mezzi wżati, u għandu jkun hemm garanziji li jassiguraw li d-drittijiet u l-obbligazzjonijiet imsemmija f'din id-Direttiva jkunu rispettati fil-prattika;

[…]

(37) Billi l-ipproċessar ta' data personali għal għanijiet ta' ġurnaliżmu jew għal għanijiet ta' espressjoni letterarja jew artistika, partikolarment fil-qasam audio-viżwali, għandu jikkwalifika għal eżenzjoni minn ċerti dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva meta dan ikun meħtieġ biex issir rikonċiljazzjoni bejn id-drittijiet fundamentali ta' individwi u l-libertà ta' l-informazzjoni, u l-iktar mad-dritt li tingħata u tintbagħat informazzjoni, kif garantita partikolarment bl-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali; billi Stati Membri għandhom għalhekk jistabbilixxu eżenzjonijiet u derogi meħtieġa għall-fini ta' bilanċ bejn id-drittijiet fundamentali dwar miżuri ġenerali ta' leġitimità ta' l-ipproċessar tad-data, […]"

5 L-Artikolu 2 ta' din id-direttiva jipprovdi:

"Għall-finijiet ta' din id-Direttiva:

(a) 'data personali' tfisser kull data li jkollha x'taqsam ma' persuna naturali identifikata jew identifikabbli ('suġġett tad-data'); […]

(b) 'ipproċessar ta' data personali' ('ipproċessar') tfisser kull operazzjoni jew sett ta' operazzjonijiet li jsiru fuq data personali, b'mezzi awtomatiċi jew mingħajrhom, bħalma huma l-ġbir, reġistrazzjoni, organizzazzjoni, ħażna, adattament jew bdil, rkupru, konsultazzjoni, użu, żvelar bi trasmissjoni, tixrid jew li xorť oħra jagħmlu l-ipproċessar disponibbli jew li jġibu allineament, taħlita, imblokk, tħassir jew distruzzjoni;

[…]

(d) 'kontrollur' tfisser persuna naturali jew ġuridika, awtorità pubblika, aġenzija jew korp ieħor li waħdu jew flimkien ma' oħrajn jiddetermina l-finijiet u l-mezzi ta' l-ipproċessar ta' data personali; […]

[…]"

6 L-Artikolu 4 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Il-Liġi nazzjonali applikabbli", jipprevedi:

"1. Kull Stat Membru għandu japplika d-dispożizzjonijiet nazzjonali li hu jadotta skond din id-Direttiva għall-ipproċessar ta' data personali meta:

(a) l-ipproċessar isir fil-kuntest ta' l-attivitajiet ta' stabbiliment tal-kontrollur fit-territorju ta' l-Istat Membru; meta l-istess kontrollur ikun stabbilit fit-territorju ta' diversi Stati Membri, hu għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jassigura li kull wieħed minn dawk l-istabbilimenti jkunu konformi ta' l-obbligazzjonijiet meħtieġa mill-liġi nazzjonali li tkun tapplika;

(b) il-kontrollur ma jkunx stabbilit fit-territorju ta' l-Istat Membru, imma f'post fejn il-liġi nazzjonali ta' dak l-Istat tkun tapplika skond il-liġi pubblika internazzjonali;

(ċ) il-kontrollur ma jkunx stabbilit fit-territorju tal-Komunità u, għall-finijiet ta' l-ipproċessar ta' data personali jagħmel użu minn tagħmir, awtomatizzat jew xort'oħra, li jkun jinsab fit-territorju ta' l-imsemmi Stat Membru, sakemm dak it-tagħmir jintuża biss għal għanijiet ta' trasmissjoni fit-territorju tal-Komunità.

2. Fiċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 1 (ċ), il-kontrollur għandu jinnomina rappreżentant stabbilit fit-territorju ta' dak l-Istat Membru, bla ħsara għal azzjonijiet legali li jistgħu jinbdew kontra l-kontrollur innifsu."

7 L-Artikolu 9 tad-Direttiva 95/46, intitolat "L-ipproċessar ta' data personali u libertà ta' l-espressjoni", jipprovdi:

"Stati Membri għandhom jipprovdu għal eżenzjonijiet jew derogi mid-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu, il-Kapitolu IV u l-Kapitolu V dwar l-ipproċessar ta' data personali magħmul biss għal għanijiet ġurnalistiċi jew għall-iskop ta' espressjoni artistika jew letterarja jekk dawn ikunu meħtieġa biss biex jirrikonċiljaw id-dritt tal-ħajja parivata mar-regoli li jirregolaw il-libertà ta' l-espressjoni."

8 L-Artikolu 12 ta' din id-direttiva, intitolat "Dritt ta' aċċess", jipprevedi:

"Stati Membri għandhom jiggarantixxu lil kull suġġett tad-data d-dritt li jikseb mingħand il-kontrollur:

[…]

(b) skond kif jixraq, ir-rettifika, tħassir jew imblokk ta' data li l-ipproċessar tiegħu ma jkunx skond id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, partikolarment minħabba n-natura mhux kompluta jew mhux eżatta tad-data;

[…]"

9 L-Artikolu 14 tad-Direttiva 95/46, intitolat "Id-dritt tas-suġġett tad-data li jagħmel oġġezzjoni", jipprovdi:

"Stati Membri għandhom jagħtu lis-suġġett tad-data d-dritt:

(a) li, bla ħsara għal dak provdut fil-liġijiet nazzjonali, mill-inqas fil-każi msemmija fl-Artikolu 7(e) u (f), jagħmel oġġezzjoni f'kull żmien kontra l-ipproċessar ta' data dwaru għal raġunijiet gravi u leġittimi dwar is-sitwazzjoni partikolari tiegħu. Meta jkun hemm oġġezzjoni ġustifikata, l-ipproċessar mibdi mill-kontrollur jista' ma jibqax juża dak id-data;

[…]"

10 L-Artikolu 24 tad-Direttiva 95/46, intitolat "Sanzjonijiet", jipprevedi:

"L-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri xierqa biex jassiguraw l-implementazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva u għandhom partikolarment jistabbilixxu s-sanzjonijiet li għandhom jingħataw f'każ ta' ksur tad-dispożizzjonijiet adottati skond din id-Direttiva."

11 L-Artikolu 28 ta' din id-direttiva, intitolat "Awtorità ta' superviżjoni", huwa fformulat kif ġej:

"1. Kull Stat Membru għandu jipprovdi li awtorità pubblika waħda jew aktar ikunu responsabbli tas-sorveljanza ta' l-applikazzjoni fit-territorju tiegħu tad-dispożizzjonijiet adottati mill-Istati Membri skond din id-Direttiva.

[…]

3. Kull awtorità għandha jkollha partikolarment:

– setgħat investigattivi, bħalma huma setgħat ta' aċċess għal data li tagħmel parti mis-suġġett ta' operazzjonijiet ta' ipproċessar u setgħat għal ġbir ta' l-informazzjoni kollha meħtieġa biex twettaq id-dmirijiet tagħha ta' superviżjoni,

– setgħat effettivi ta' intervent, bħalma hu, per eżempju, dak […] li tordna l-imblokk, tħassir jew distruzzjoni ta' data, li ma tħallix għal xi żmien jew għal dejjem milli jsir ipproċessar […]

[…]

Deċiżjonijiet ta' l-awtorità ta' superviżjoni li jagħtu lok għal ilmenti jistgħu jkunu appellati fil-qrati.

4. Kull awtorità ta' superviżjoni għandha tisma' talbiet maghmulin minn kull persuna, jew minn għaqda li tirrappreżenta lil dik il-persuna, dwar il-protezzjoni tad-drittijiet jew libertajiet tagħha fl-ipproċessar ta' data personali. Il-persuna kkonċernata għandha tkun mgħarrfa dwar ir-riżultat tat-talba.

[…]

6. Kull awtorità ta' superviżjoni hija kompetenti, tkun liema tkun il-liġi nazzjonali li tkun applika għall-ipproċessar in kwistjoni, li teżerċita, fit-territorju ta' l-Istat Membru tagħha nfisha, is-setgħat mogħtija lilha skond il-paragrafu 3. Kull awtorità tista' tintalab li teżerċita s-setgħat tagħha minn awtorità ta' Stat Membru ieħor.

L-awtoritajiet ta' superviżjoni għandhom jikkooperaw ma xulxin f'dak li jkun meħtieġ biex iwettqu dmirijiethom, partikolarment billi jaqsmu flimkien kull informazzjoni utli.

[…]"

Ir-Regolament (UE) 2016/679

12 Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU 2016, L 119, p. 1, rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 2), li huwa bbażat fuq l-Artikolu 16 TFUE, huwa applikabbli, skont l-Artikolu 99(2) tiegħu, mill-25 ta' Mejju 2018. L-Artikolu 94(1) ta' dan ir-regolament jipprovdi li d-Direttiva 95/46 hija mħassra b'effett mill-istess data.

13 Il-premessi 1, 4, 9 sa 11, 13, 22 sa 25 u 65 tal-imsemmi regolament jipprovdu:

"(1) Il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali hija dritt fundamentali. L-Artikolu 8(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-"Karta") u l-Artikolu 16(1) [TFUE] jipprevedu li kull persuna għandha dritt għall-protezzjoni tad-data personali li tirrigwardaha.

[…]

(4) L-ipproċessar tad-data personali għandu jitfassal biex iservi lill-bniedem. Id-dritt għall-protezzjoni tad-data personali mhuwiex dritt assolut; huwa għandu jiġi kkunsidrat b'rabta mal-funzjoni tiegħu fis-soċjetà u jkun ibbilanċjat ma' drittijiet fundamentali oħrajn, f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità. Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali kollha u josserva

l-libertajiet u l-prinċipji rikonoxxuti fil-Karta kif integrata fit-Trattati, b'mod partikolari r-rispett għall-ħajja privata […] il-protezzjoni tad-data personali, il-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon, il-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, il-libertà tal-intrapriża, […]

[…]

(9) […] id-Direttiva 95/46 […] ma waqqfitx il-frammentazzjoni fl-implimentazzjoni fil-protezzjoni tad-data fl-Unjoni […]. Id-differenzi fil-livell ta' protezzjoni […] fl-Istati Membri jistgħu jimpedixxu l-fluss liberu tad-data personali fl-Unjoni kollha. Dawk id-differenzi jistgħu jkunu ta' xkiel għat-twettiq ta' attivitajiet ekonomiċi fil-livell tal-Unjoni […].

(10) Sabiex ikun żgurat livell konsistenti u għoli ta' protezzjoni tal-persuni fiżiċi u sabiex jitneħħew l-ostakoli għaċ-ċirkolazzjoni tad-data personali fl-Unjoni, il-livell ta' protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' din id-data għandu jkun ekwivalenti fl-Istati Membri kollha. […]

(11) Il-protezzjoni effettiva tad-data personali fl-Unjoni kollha teħtieġ it-tisħiħ u l-ispeċifikar fid-dettall tad-drittijiet tas-suġġetti tad-data u l-obbligi ta' dawk li jipproċessaw u jiddeterminaw l-ipproċessar ta' data personali, kif ukoll ta' setgħat ekwivalenti għall-monitoraġġ u l-iżgurar tal-konformità mar-regoli għall-protezzjoni tad-data personali u sanzjonijiet ekwivalenti għall-ksur fl-Istati Membri.

[…]

(13) Sabiex ikun żgurat livell konsistenti ta' protezzjoni għall-persuni fiżiċi fl-Unjoni kollha u sabiex ma jkunx hemm diverġenzi li jfixklu l-moviment liberu tad-data personali fis-suq intern, huwa meħtieġ Regolament li jipprovdi ċertezza legali u trasparenza għall-operaturi ekonomiċi, […] biex jipprovdi lill-persuni fiżiċi fl-Istati Membri kollha l-istess livell ta' drittijiet u obbligi infurzabbli bil-liġi u responsabbiltajiet għall-kontrolluri u għall-proċessuri, sabiex ikun żgurat monitoraġġ konsistenti tal-ipproċessar tad-data personali, u sanzjonijiet ekwivalenti fl-Istati Membri kollha kif ukoll kooperazzjoni effettiva bejn l-awtoritajiet ta' superviżjoni tal-Istati Membri differenti. Il-funzjonament adatt tas-suq intern jeħtieġ li l-moviment liberu tad-data personali fl-Unjoni ma jkunx ristrett jew ipprojbit għal raġunijiet marbutin mal-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali. […]

[…]

(22) Kwalunkwe pproċessar ta' data personali fil-kuntest tal-attivitajiet ta' stabbiliment ta' kontrollur jew proċessur fl-Unjoni għandu jsir f'konformità ma' dan ir-Regolament, irrispettivament minn jekk l-ipproċessar innifsu jseħħx fl-Unjoni jew le. […]

(23) Sabiex ikun żgurat li l-persuni fiżiċi ma jinċaħdux mill-protezzjoni li għandhom dritt għaliha skont dan ir-Regolament, l-ipproċessar ta' data personali ta' suġġetti tad-data li jinsabu fl-Unjoni minn kontrollur jew proċessur mhux stabbilit fl-Unjoni, għandu jkun soġġett għal dan ir-Regolament fejn l-attivitajiet ta' pproċessar ikunu relatati mal-offerta ta' prodotti jew servizzi lil dawn is-suġġetti tad-data irrispettivament minn jekk dawn ikunux marbutin ma' ħlas jew le. Sabiex jiġi determinat jekk tali kontrollur jew proċessur ikunx qiegħed joffri prodotti jew servizzi lil suġġetti tad-data li jinsabu fl-Unjoni, għandu jiġi aċċertat jekk ikunx jidher li l-kontrollur jew proċessur ikun qiegħed jipprevedi li joffri servizzi lil suġġetti tad-data fi Stat Membru wieħed jew aktar fl-Unjoni. […]

(24) L-ipproċessar ta' data personali ta' suġġetti tad-data li jinsabu fl-Unjoni minn kontrollur jew proċessur mhux stabbilit fl-Unjoni għandu wkoll ikun soġġett għal dan ir-Regolament meta jkun relatat mal-monitoraġġ tal-imġiba ta' tali suġġetti tad-data sa fejn l-imġiba tagħhom isseħħ

fl-Unjoni. Sabiex ikun iddeterminat jekk attività ta' pproċessar tistax titqies li tissorvelja l-imġiba tas-suġġetti tad-data, għandu jkun aċċertat jekk il-persuni fiżiċi humiex segwiti fuq l-internet inkluż l-użu potenzjali sussegwenti ta' tekniki ta' pproċessar tad-data personali li jikkonsistu mit-tfassil ta' profil ta' peruna fiżika, b'mod partikolari sabiex jittieħdu deċiżjonijiet li jirrigwardawha jew għall-analiżi jew it-tbassir tal-preferenzi, l-imġiba u l-attitudnijiet personali tagħha.

(25) Fejn il-liġi ta' Stat Membru tkun tapplika permezz tad-dritt internazzjonali pubbliku, dan ir-Regolament għandu japplika wkoll għal kontrollur mhux stabbilit fl-Unjoni, bħal fil-każ ta' missjoni diplomatika jew uffiċċju konsulari ta' Stat Membru.

[…]

(65) Suġġett tad-data għandu jkollu […] "dritt li jintnesa" fejn iż-żamma ta' tali data tikser dan ir-Regolament jew il-liġi tal-Unjoni jew ta' Stat Membru li jkun soġġett għaliha l-kontrollur. […] Madankollu, iż-żamma ulterjuri tad-data personali għandha tkun legali fejn tkun meħtieġa għall-eżerċizzju tad-dritt tal-libertà ta' espressjoni u ta' informazzjoni […]"

14 L-Artikolu 3 tar-Regolament 2016/679, intitolat "Kamp ta' applikazzjoni territorjali" huwa fformulat kif ġej:

"1. Dan ir-Regolament japplika għall-ipproċessar tad-data personali fil-kuntest tal-attivitajiet ta' stabbilment ta' kontrollur jew proċessur fl-Unjoni, indipendentement minn jekk l-ipproċessar iseħħx fl-Unjoni jew le.

2. Dan ir-Regolament japplika għall-ipproċessar tad-data personali ta' suġġetti tad-data li jinsabu fl-Unjoni minn kontrollur jew proċessur mhux stabbilit fl-Unjoni, meta l-attivitajiet ta' pproċessar huma relatati ma':

(a) l-offerta ta' prodotti jew servizzi, irrispettivament jekk ikunx meħtieġ ħlas mis-suġġett tad-data, għal tali suġġetti tad-data fl-Unjoni; jew

(b) il-monitoraġġ tal-imġiba tagħhom sakemm l-imġiba tagħhom isseħħ fl-Unjoni.

3. Dan ir-Regolament japplika għall-ipproċessar tad-data personali minn kontrollur mhux stabbilit fl-Unjoni, iżda f'post fejn tapplika l-liġi ta' Stat Membru permezz tal-liġi internazzjonali pubblika."

15 L-Artikolu 4(23) ta' dan ir-regolament jiddefinixxi l-kunċett ta' "ipproċessar transkonfinali" kif ġej:

"(a) l-ipproċessar ta' data personali li jsir fil-kuntest tal-attivitajiet ta' stabbilimenti f'iktar minn Stat Membru wieħed ta' kontrollur jew proċessur fl-Unjoni fejn il-kontrollur jew il-proċessur ikun stabbilit f'iktar minn Stat Membru wieħed; jew

(b) l-ipproċessar ta' data personali li jsir fil-kuntest tal-attivitajiet ta' stabbiliment uniku ta' kontrollur jew proċessur fl-Unjoni li madankollu jaffettwa sostanzjalment lil suġġetti tad-data f'aktar minn Stat Membru wieħed, jew li x'aktarx li ser jaffettwahom sostanzjalment."

16 L-Artikolu 17 tal-imsemmi regolament, intitolat "Dritt għal tħassir ('dritt li wieħed jintesa')", huwa fformulat kif ġej:

"1. Is-suġġett tad-data għandu d-dritt li jikseb mingħand il-kontrollur it-tħassir ta' data personali dwaru mingħajr dewmien żejjed u l-kontrollur għandu l-obbligu li jħassar data personali mingħajr dewmien żejjed jekk tkun tapplika waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:

(a) id-data personali ma tkunx għadha meħtieġa fir-rigward tal-għanijiet li għalihom tkun inġabret jew ġiet ipproċessata mod ieħor id-data;

(b) is-suġġett tad-data jirtira l-kunsens li fuqu huwa bbażat l-ipproċessar skont l-Artikolu 6(1)(a) jew l-Artikolu 9(2)(a) u fejn ma jkun hemm l-ebda raġuni legali għall-ipproċessar;

(c) is-suġġett tad-data joġġezzjona għall-ipproċessar skont l-Artikolu 21(1) u ma jkun hemm l-ebda raġuni leġittima prevalenti għall-ipproċessar, jew is-suġġett tad-data joġġezzjona għall-ipproċessar skont l-Artikolu 21(2);

(d) id-data personali tkun ġiet ipproċessata illegalment;

(e) id-data personali tkun trid titħassar biex ikun hemm konformità ma' obbligu legali fil-liġi tal-Unjoni jew ta' Stat Membru li għalih huwa soġġett il-kontrollur;

(f) id-data personali tkun inġabret fir-rigward tal-offerta ta' servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 8(1).

[…]

3. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw sakemm dak l-ipproċessar jkun meħtieġ:

(a) għall-eżerċizzju tad-dritt tal-libertà ta' espressjoni u informazzjoni;

[…]"

17 L-Artikolu 21 tal-istess regolament, intitolat "Dritt ta' oġġezzjoni", jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Is-suġġett tad-data għandu d-dritt li joġġezzjona, għal raġunijiet relatati mas-sitwazzjoni partikolari tiegħu, fi kwalunkwe mument għall-ipproċessar ta' data personali li tikkonċerna lilu li hija bbażata fuq il-punt (e) jew (f) tal-Artikolu 6(1), inkluż it-tfassil ta' profili abbażi ta' dawk id-dispożizzjonijiet. Il-kontrollur ma għandux jibqa' jipproċessa d-data personali sakemm il-kontrollur ma jagħtix raġunijiet leġittimi konvinċenti għall-ipproċessar li jegħlbu l-interessi, id-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġett tad-data jew għall-istabbiliment, l-eżerċizzju jew id-difiża ta' talbiet legali."

18 L-Artikolu 55 tar-Regolament 2016/679, intitolat "Kompetenza", li jifforma parti mill-Kapitolu VI ta' dan ir-regolament, li huwa intitolat "Awtoritajiet superviżorji indipendenti", jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Kull awtorità superviżorja għandha tkun kompetenti biex twettaq il-kompiti assenjati lilha u l-eżerċizzju tas-setgħat ikkonferiti lilha f'konformità ma' dan ir-Regolament fit-territorju tal-Istat Membru tagħha stess."

19 L-Artikolu 56 tal-imsemmi regolament, intitolat "Kompetenza tal-awtorità superviżorja ewlenija", jipprovdi:

"1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 55, l-awtorità superviżorja tal-istabbiliment ewlieni jew tal-istabbiliment uniku tal-kontrollur jew il-proċessur għandha tkun kompetenti biex taġixxi bħala l-awtorità superviżorja ewlenija għall-ipproċessar transkonfinali li jsir minn dak il-kontrollur jew proċessur f'konformità mal-proċedura prevista fl-Artikolu 60.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, kull awtorità superviżorja għandha tkun kompetenti biex tittratta lment imressaq lilha jew ksur possibbli ta' dan ir-Regolament, jekk is-suġġett ikun marbut biss ma' stabbiliment fl-Istat Membru tagħha jew jaffettwa b'mod sostanzjali suġġetti tad-data fl-Istat Membru tagħha biss.

3. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, l-awtorità superviżorja għandha tinforma lill-awtorità superviżorja ewlenija mingħajr dewmien dwar dik il-kwistjoni. F'perijodu ta' tliet ġimgħat wara li tiġi infurmata l-awtorità superviżorja ewlenija għandha tiddeċiedi jekk hux ser tittratta l-każ f'konformità mal-proċedura prevista fl-Artikolu 60, billi tieħu kont ta' jekk hemm jew m'hemmx stabbiliment tal-kontrollur jew il-proċessur fl-Istat Membru li l-awtorità superviżorja tkun infurmatha bih.

4. Fejn l-awtorità superviżorja ewlenija tiddeċiedi li tittratta l-każ, għandha tapplika l-proċedura prevista fl-Artikolu 60. L-awtorità superviżorja li tkun infurmat lill-awtorità superviżorja ewlenija tista' tissottometti abbozz għal deċiżjoni lill-awtorità superviżorja ewlenija. L-awtorità superviżorja ewlenija għandha tieħu kont bl-akbar reqqa dak l-abbozz meta tkun qed tħejji l-abbozz ta' deċiżjoni msemmi fl-Artikolu 60(3).

5. Fejn il-awtorità superviżorja ewlenija tiddeċiedi li ma tittrattax il-każ, l-awtorità superviżorja li tkun infurmat lill-awtorità superviżorja ewlenija għandha tittrattah skont l-Artikoli 61 u 62.

6. L-awtorità superviżorja ewlenija għandha tkun l-interlokutur uniku tal-kontrollur jew il-proċessur għall-ipproċessar transkonfinali li jsir minn dak il-kontrollur jew proċessur."

20 L-Artikolu 58 tal-istess regolament, intitolat "Setgħat", jipprevedi fil-paragrafu 2 tiegħu:

"Kull awtorità superviżorja għandu jkollha s-setgħat kollha korrettivi li ġejjin:

[…]

(g) li tordna […] it-tħassir ta' data personali […] skont l-Artikoli […] 17 […];

(i) li timponi multa amministrattiva […] flimkien ma', jew minflok il-miżuri msemmija f'dan il-paragrafu, skont iċ-ċirkostanzi ta' kull każ individwali".

21 Taħt il-Kapitolu VII tar-Regolament 2016/679, intitolat "Kooperazzjoni u konsistenza", it-Taqsima I, intitolata "Kooperazzjoni", tinkludi l-Artikoli 60 sa 62 ta' dan ir-regolament. Dan l-Artikolu 60, intitolat "Kooperazzjoni bejn l-awtorità superviżorja ewlenija u l-awtoritajiet superviżorji kkonċernati oħra", jipprovdi:

"1. L-awtorità superviżorja ewlenija għandha tikkoopera mal-awtoritajiet superviżorji kkonċernati l-oħra f'konformità ma' dan l-Artikolu fi sforz biex jintlaħaq kunsens. L-awtorità superviżorja ewlenija u l-awtoritajiet superviżorji kkonċernati għandhom jiskambjaw l-informazzjoni rilevanti kollha bejniethom.

2. L-awtorità superviżorja ewlenija tista' titlob fi kwalunkwe ħin lil awtoritajiet superviżorji kkonċernati oħra biex jipprovdu assistenza reċiproka skont l-Artikolu 61 u tista' twettaq operazzjonijiet konġunti skont l-Artikolu 62, b'mod partikolari għat-twettiq ta' investigazzjonijiet jew għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' miżura li tikkonċerna kontrollur jew proċessur stabbilit fi Stat Membru ieħor.

3. L-awtorità superviżorja ewlenija għandha, mingħajr dewmien, tikkomunika l-informazzjoni rilevanti dwar il-kwistjoni lill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati l-oħra. Hija għandha tissottometti mingħajr dewmien abbozz ta' deċiżjoni lill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati l-oħra għall-opinjoni tagħhom u tieħu kont tal-fehmiet tagħhom.

4. Fejn kwalunkwe mill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati l-oħra f'perijodu ta' żmien ta' erba' ġimgħat wara li tkun ġiet ikkonsultata f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, tesprimi oġġezzjoni rilevanti u motivata għall-abbozz ta' deċiżjoni, l-awtorità superviżorja ewlenija għandha, jekk ma ssegwix l-oġġezzjoni rilevanti u motivata jew tkun tal-fehma li l-oġġezzjoni mhijiex rilevanti jew motivata, tissottometti l-kwistjoni lill-mekkaniżmu ta' konsistenza msemmi fl-Artikolu 63.

5. Fejn l-awtorità superviżorja ewlenija biħsiebha ssegwi l-oġġezzjoni rilevanti u motivata li saret, għandha tissottometti abbozz rivedut ta' deċiżjoni lill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati l-oħra għall-opinjoni tagħhom. Dak l-abbozz rivedut ta' deċiżjoni għandu jkun soġġett għall-proċedura msemmija fil-paragrafu 4 f'perijodu ta' żmien ta' ġimagħtejn.

6. Fejn l-ebda waħda mill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati l-oħra ma tkun oġġezzjonat għall-abbozz ta' deċiżjoni sottomess mill-awtorità superviżorja ewlenija fil-perijodu msemmi fil-paragrafi 4 u 5, l-awtorità superviżorja ewlenija u l-awtoritajiet superviżorji kkonċernati għandhom jitqiesu li qed jaqblu ma' dak l-abbozz ta' deċiżjoni u għandhom ikunu marbuta bih.

7. L-awtorità superviżorja ewlenija għandha tadotta u tinnotifika d-deċiżjoni lill-istabbiliment ewlieni jew l-istabbiliment uniku tal-kontrollur jew il-proċessur, skont kif ikun il-każ, u tinforma l-awtoritajiet superviżorji kkonċernati l-oħra u lill-Bord dwar id-deċiżjoni inkwistjoni inkluż ġabra fil-qosor tal-fatti u r-raġunijiet rilevanti. L-awtorità superviżorja li quddiemha jitressaq ilment għandha tinforma lill-ilmentatur bid-deċiżjoni.

8. B'deroga mill-paragrafu 7, fejn ilment jitwarrab jew jiġi miċħud, l-awtorità superviżorja li quddiemha tressaq l-ilment għandha tadotta d-deċiżjoni u tinnotifikaha lill-ilmentatur u għandha tinforma lill-kontrollur b'din.

9. Fejn l-awtorità superviżorja ewlenija u l-awtoritajiet superviżorji kkonċernati jaqblu li jwarrbu jew jiċħdu partijiet ta' lment u li jieħdu azzjoni dwar partijiet oħra ta' dak l-ilment, għandha tiġi adottata deċiżjoni separata għal kull waħda minn dawk il-partijiet tal-kwistjoni. […]

10. Wara li jkun ġie notifikat bid-deċiżjoni tal-awtorità superviżorja ewlenija skont il-paragrafi 7 u 9, il-kontrollur jew il-proċessur għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex tiġi żgurata konformità mad-deċiżjoni fir-rigward tal-attivitajiet ta' pproċessar fil-kuntest tal-istabbilimenti kollha tiegħu fl-Unjoni. Il-kontrollur jew il-proċessur għandu jinnotifika l-miżuri meħuda għall-konformità mad-deċiżjoni lill-awtorità superviżorja ewlenija, li għandha tinforma lill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati l-oħra.

11. Fejn, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, awtorità superviżorja kkonċernata jkollha raġunijiet biex tqis li hemm ħtieġa urġenti li taġixxi sabiex tipproteġi l-interessi ta' suġġetti tad-data, għandha tapplika l-proċedura ta' urġenza msemmija fl-Artikolu 66.

[…]"

22 L-Artikolu 61 tal-imsemmi regolament, intitolat "Assistenza reċiproka", jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"L-awtoritajiet superviżorji għandhom jipprovdu lil xulxin b'informazzjoni rilevanti u assistenza reċiproka sabiex jimplimentaw u japplikaw dan ir-Regolament b'mod konsistenti, u għandhom jistabbilixxu miżuri għal kooperazzjoni effettiva ma' xulxin. L-assistenza reċiproka għandha tkopri, b'mod partikolari, talbiet ta' informazzjoni u miżuri superviżorji, bħal talbiet biex jitwettqu awtorizzazzjonijiet u konsultazzjonijiet minn qabel, ispezzjonijiet u investigazzjonijiet."

23 L-Artikolu 62 tal-istess regolament, intitolat "Operazzjonijiet konġunti ta' l-awtoritajiet superviżorji", jipprevedi:

"1. L-awtoritajiet superviżorji għandhom, fejn xieraq, iwettqu operazzjonijiet konġunti inklużi investigazzjonijiet konġunti u miżuri ta' infurzar konġunti li fihom ikunu involuti membri jew persunal tal-awtoritajiet superviżorji ta' Stati Membri oħra.

2. Fejn il-kontrollur jew il-proċessur ikollu stabbilimenti f'diversi Stati Membri jew fejn għadd sinifikanti ta' suġġetti tad-data f'aktar minn Stat Membru wieħed x'aktarx li jkun affettwat b'mod sostanzjali minn operazzjonijiet ta' pproċessar, awtorità superviżorja minn kull wieħed minn dawk l-Istati Membri għandu jkollha d-dritt li tipparteċipa fl-operazzjonijiet konġunti. […]"

24 It-Taqsima 2, intitolata "Konsistenza", tal-Kapitolu VII tar-Regolament 2016/679, tinkludi l-Artikoli 63 sa 67 ta' dan ir-Regolament. Dan l-Artikolu 63, intitolat "Mekkaniżmu ta' konsistenza", huwa fformulat kif ġej:

"Sabiex jikkontribwixxu għall-applikazzjoni konsistenti ta' dan ir-Regolament fl-Unjoni kollha, l-awtoritajiet superviżorji għandhom jikkooperaw ma' xulxin u, fejn rilevanti, mal-Kummissjoni, permezz tal-mekkaniżmu ta' konsistenza kif stabbilit f'din it-Taqsima."

25 L-Artikolu 65 tal-imsemmi regolament, intitolat "Soluzzjoni għat-tilwim mill-Bord", jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Sabiex jiżgura l-applikazzjoni korretta u konsistenti ta' dan ir-Regolament f'każijiet individwali, il-Bord għandu jadotta deċiżjoni vinkolanti fil-każijiet li ġejjin:

(a) fejn, f'każ imsemmi fl-Artikolu 60(4), awtorità superviżorja kkonċernata tkun qajmet oġġezzjoni rilevanti u motivata għal abbozz ta' deċiżjoni tal-awtorità ewlenija jew l-awtorità ewlenija tkun ċaħdet tali oġġezzjoni għar-raġuni li ma tkunx rilevanti jew motivata. Id-deċiżjoni vinkolanti għandha tikkonċerna l-kwistjonijiet kollha li jkunu s-suġġett tal-oġġezzjoni rilevanti u motivata, b'mod partikolari jekk ikunx hemm ksur ta' dan ir-Regolament;

(b) fejn ikun hemm fehmiet konfliġġenti dwar liema mill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati tkun kompetenti għall-istabbiliment ewlieni;

[…]"

26 L-Artikolu 66 tal-istess regolament, intitolat "Proċedura ta' urġenza" jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"F'ċirkostanzi eċċezzjonali, fejn awtorità superviżorja kkonċernata tqis li hemm ħtieġa urġenti li taġixxi sabiex tipproteġi id-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-data, hija tista', b'deroga mill-mekkaniżmu ta' konsistenza msemmi fl-Artikoli 63, 64 u 65a jew il-proċedura msemmija fl-Artikolu 60, tadotta minnufih miżuri proviżorji maħsuba biex jipproduċu effetti legali fit-territorju tagħha stess b'perijodu

speċifikat ta' validità li ma għandux jaqbeż it-tliet xhur. L-awtorità superviżorja għandha, mingħajr dewmien, tikkomunika dawk il-miżuri u r-raġunijiet għall-adozzjoni tagħhom, lill-awtoritajiet superviżorji kkonċernati l-oħra, lill-Bord u lill-Kummissjoni."

27 L-Artikolu 85 tar-Regolament 2016/679, intitolat "Ipproċessar u libertà ta' espressjoni u ta' informazzjoni", jipprovdi:

"1. L-Istati Membri għandhom jirrikonċiljaw skont il-liġi d-dritt għall-protezzjoni ta' data personali skont dan ir-Regolament mad-dritt għal-libertà ta' espressjoni u ta' informazzjoni, inkluż l-ipproċessar għal finijiet ġurnalistiċi u l-finijiet ta' espressjoni akkademika, artistika jew letterarja.

2. Għall-ipproċessar li jsir għal finijiet ġurnalistiċi jew għall-fini ta' espressjoni akkademika artistika jew dik letterarja, l-Istati Membri għandhom jipprevedu eżenzjonijiet jew derogi mill-Kapitolu II (prinċipji), il-Kapitolu III (drittijiet tas-suġġett tad-data), il-Kapitolu IV (kontrollur u proċessur), il-Kapitolu V (trasferiment tad-data personali lil pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali), il-Kapitolu VI (awtoritajiet superviżorji indipendenti), il-Kapitolu VII (kooperazzjoni u konsistenza) u l-Kapitolu IX (sitwazzjonijiet speċifiċi ta' pproċessar tad-data) jekk dawn jinħtieġu għal rikonċiljazzjoni tad-dritt għall-protezzjoni ta' data personali mal-libertà ta' espressjoni u ta' informazzjoni.

[…]"

Id-dritt Franċiż

28 L-implimentazzjoni tad-Direttiva 95/46 fid-dritt Franċiż hija żgurata mil-Liġi Nru 78-17, tas-6 ta' Jannar 1978, dwar l-informatika, il-fajls u l-libertajiet, fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-fatti fil-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem il-"Liġi tas-6 ta' Jannar 1978").

29 L-Artikolu 45 ta' din il-liġi jispeċifika li meta l-kontrollur ma josservax l-obbligi li jirriżultaw mill-imsemmija liġi, il-President taċ-CNIL jista' jintimah sabiex iwaqqaf in-nuqqas ikkonstatat f'terminu li huwa jistabbilixxi. Jekk il-kontrollur ma jikkonformax ruħu mal-intimazzjoni indirizzata lilu, il-kulleġġ ġudikanti f'sessjoni ristretta taċ-CNIL jista' jimponi, wara proċedura kontradittorja, b'mod partikolari, sanzjoni pekunjarja.

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

30 Permezz ta' deċiżjoni tal-21 ta' Mejju 2015, il-President taċ-CNIL intima lil Google, meta hija tilqa' talba ta' persuna fiżika intiża għat-tneħħija mil-lista tar-riżultati, li tintwera wara tfittxija mwettqa fuq il-bażi ta' isimha, ta' links li jwasslu għal paġni tal-internet, sabiex tapplika din it-tneħħija fuq l-estensjonijiet kollha tal-isem tad-domain tal-mutur ta' tfittxija tagħha.

31 Google rrifjutat li tagħti segwitu għal din l-intimazzjoni, billi sempliċement neħħiet il-links inkwistjoni tar-riżultati li jintwerew bi tweġiba għal tfittxijiet imwettqa fuq il-verżjonijiet tal-mutur ta' tfittxija tagħha li l-isem tad-domain tagħhom jikkorrispondi għal Stat Membru tal-Unjoni.

32 Barra minn hekk, iċ-CNIL qieset insuffiċjenti l-proposta kumplimentarja msejħa "imblukkar ġeografiku", magħmula minn Google wara l-iskadenza tat-terminu ta' intimazzjoni, li tikkonsisti fit-tneħħija tal-possibbiltà li taċċedi, minn indirizz IP *(Internet Protocol)* li jinsab fl-Istat ta' residenza tal-persuna kkonċernata, għar-riżultati kontenzjużi miksuba wara tfittxija mwettqa fuq il-bażi ta' ismu, irrispettivament mill-verżjoni tal-mutur ta' tfittxija użat mill-utent tal-internet.

33 Wara li kkonstatat li Google ma kinitx ikkonformat ruħha mal-imsemmija intimazzjoni fit-terminu mogħti, permezz ta' deliberazzjoni tal-10 ta' Marzu 2016, iċ-CNIL imponiet fil-konfront ta' din il-kumpannija sanzjoni, li saret pubblika, ta' EUR 100 000.

34 Permezz ta' rikors ippreżentat quddiem il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, Franza), Google talbet l-annullament ta' din id-deliberazzjoni.

35 Il-Kunsill tal-Istat jikkonstata li l-ipproċessar ta' data personali mwettaq mill-mutur ta' tfittxija operat minn Google jaqa', fid-dawl tal-attivitajiet ta' promozzjoni u ta' bejgħ ta' spazji ta' reklamar eżerċitati, fi Franza, mis-sussidjarja tagħha Google France, fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Liġi tas-6 ta' Jannar 1978.

36 Il-Kunsill tal-Istat jirrileva, barra minn hekk, li l-mutur ta' tfittxija operat minn Google juża ismijiet tad-domain differenti permezz ta' estensjonijiet ġeografiċi, sabiex jadatta r-riżultati li jintwerew għall-partikolaritajiet, b'mod partikolari lingwistiċi, ta' Stati differenti li fihom din il-kumpannija teżerċita l-attività tagħha. Meta t-tfittxija titwettaq fuq "google.com", Google, bħala prinċipju, tagħmel ridirezzjoni awtomatika ta' dik it-tfittxija lejn l-isem tad-domain li jikkorrispondi għall-Istat li minnu hija meqjusa li saret din it-tfittxija u dan grazzi għall-identifikazzjoni tal-indirizz IP tal-utent tal-internet. Madankollu, irrispettivament minn fejn jinsab, l-utent tal-internet xorta jista' jwettaq it-tfittxijiet tiegħu fuq l-ismijiet tad-domain l-oħra tal-mutur ta' tfittxija. Barra minn hekk, minkejja li r-riżultati jistgħu jinbidlu skont l-isem tad-domain li minnu ssir it-tfittxija fuq il-mutur, huwa stabbilit li l-links li jintwerew konsegwentement għal tfittxija joriġinaw minn bażi ta' data u minn xogħol ta' indiċjar komuni.

37 Il-Kunsill tal-Istat iqis li, b'teħid inkunsiderazzjoni, minn naħa, tal-fatt li l-ismijiet tad-domain tal-mutur ta' tfittxija ta' Google huma kollha aċċessibbli mit-territorju Franċiż u, min-naħa l-oħra, l-eżistenza ta' passaġġi bejn dawn l-ismijiet tad-domain differenti, kif turi b'mod partikolari r-ridirezzjoni awtomatika u l-preżenza ta' cookies fuq estensjonijiet oħra tal-mutur minbarra dik li fuqha ntwerew oriġinarjament, dan il-mutur, li sal-lum kien is-suġġett ta' dikjarazzjoni waħda maċ-CNIL, għandu jitqies li jwettaq ipproċessar ta' data personali unika għall-applikazzjoni tal-Liġi tas-6 ta' Jannar 1978. Minn dan jirriżulta li l-ipproċessar ta' data personali mill-mutur ta' tfittxija operat minn Google jitwettaq fil-kuntest ta' waħda mill-installazzjonijiet tiegħu, Google France, stabbilita fit-territorju Franċiż, u għalhekk huwa suġġett għal-Liġi tas-6 ta' Jannar 1978.

38 Quddiem il-Kunsill tal-Istat, Google ssostni li s-sanzjoni kontenzjuża hija bbażata fuq interpretazzjoni żbaljata tad-dispożizzjonijiet tal-Liġi tas-6 ta' Jannar 1978 li jittrasponu l-Artikolu 12(b) u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 14(a) tad-Direttiva 95/46, li fuq il-bażi tagħhom, fis-sentenza tat-13 ta' Mejju 2014, Google Spain u Google (C-131/12, EU:C:2014:317), il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet "dritt għat-tneħħija ta' referenza". Google ssostni li dan id-dritt ma jimplikax neċessarjament li l-links kontenzjużi jitneħħew, mingħajr limitu ġeografiku, minn fuq l-ismijiet tad-domain kollha tal-mutur tagħha. Barra minn hekk, permezz ta' tali interpretazzjoni, iċ-CNIL kisret il-prinċipji ta' korteżija u ta' nuqqas ta' ndħil irrikonoxxuti mid-dritt internazzjonali pubbliku u ppreġudikat b'mod sproporzjonat il-libertajiet ta' espressjoni, ta' informazzjoni, ta' komunikazzjoni u tal-istampa ggarantiti, b'mod partikolari, mill-Artikolu 11 tal-Karta.

39 Peress li kkonstata li dan l-argument iqajjem diversi diffikultajiet serji ta' interpretazzjoni tad-Direttiva 95/46, il-Kunsill tal-Istat iddeċieda li jissospendi l-proċeduri quddiemu u li jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Id-"dritt għal tħassir" kif stabbilit mill-[Qorti tal-Ġustizzja] fis-sentenza tagħha tat-13 ta' Mejju 2014 [Google Spain u Google (C-131/12, EU:C:2014:317),] abbażi tad-dispożizzjonijiet tal-Artikol[u] 12(b) u [l-ewwel paragrafu tal-Artikolu] 14(a) tad-Direttiva [95/46], għandu jiġi interpretat fis-sens li l-operatur ta' mutur ta' tfittxija huwa obbligat, meta jilqa' talba għal tħassir, iwettaq dan it-tħassir fil-konfront tal-ismijiet kollha ta' domain mill-mutur ta' tfittxija tiegħu b'tali

mod li l-konnessjonijiet kontenzjużi ma jidhrux iktar irrispettivament minn fejn issir it-tfittxija fuq il-bażi tal-isem tal-persuna li tressaq it-talba, inkluż barra mill-kamp ta' applikazzjoni territorjali tad-Direttiva [95/46]?

2) Fil-każ ta' risposta negattiva għal din l-ewwel domanda, id-"dritt għal tħassir" kif stabbilit mill-[Qorti tal-Ġustizzja] fis-sentenza tagħha ċċitata iktar 'il fuq għandu jiġi interpretat fis-sens li l-operatur ta' mutur ta' tfittxija huwa obbligat, meta jilqa' talba għal tħassir, ineħħi l-konnessjonijiet kontenzjużi mir-riżultati li jintwerew wara tfittxija mwettqa fuq il-bażi tal-isem tal-persuna li tressaq it-talba fuq isem ta' domain li jikkorrispondi għall-Istat fejn it-talba titqies li tressqet jew, b'mod iktar ġenerali, fuq l-ismijiet ta' domain tal-mutur ta' tfittxija li jikkorrispondu għall-estenzjonijiet nazzjonali ta' dan il-mutur ta' tfittxija għall-Istati Membri kollha […]?

3) Barra minn hekk, flimkien mal-obbligu invokat fit-tieni domanda, id-"dritt għal tħassir" kif stabbilit mill-[Qorti tal-Ġustizzja] fis-sentenza tagħha ċċitata iktar 'il fuq għandu jiġi interpretat fis-sens li l-operatur ta' mutur ta' tfittxija li jilqa' talba għal tħassir huwa obbligat ineħħi, permezz tat-teknika magħrufa bħala "imblukkar ġeografiku", minn indirizz IP meqjus li jinsab fl-Istat ta' residenza tal-benefiċjarju tad-"dritt għal tħassir", ir-riżultati kontenzjużi tat-tfittxijiet imwettqa fuq il-bażi ta' ismu, jew inkella, b'mod iktar ġenerali, minn indirizz IP meqjus li jinsab f'wieħed mill-Istati Membri suġġetti għad-Direttiva [95/46], irrispettivament mill-isem ta' domain użat mill-utent tal-internet li jwettaq it-tfittxija?"

Fuq id-domandi preliminari

40 Il-kawża prinċipali tirriżulta minn tilwima bejn Google u ċ-CNIL dwar il-kwistjoni ta' kif l-operatur ta' mutur ta' tfittxija, meta jikkonstata li l-persuna kkonċernata għandha dritt li waħda jew iktar mil-links li jwasslu għal paġni tal-internet li fihom data personali li tikkonċernaha jitħassru mil-lista ta' riżultati, miksuba wara tfittxija mwettqa fuq il-bażi ta' isimha, għandu jimplimenta dan id-dritt għat-tneħħija ta' referenza. Għalkemm, fid-data tat-tressiq tat-talba għal deċiżjoni preliminari, kienet applikabbli d-Direttiva 95/46, din tħassret b'effett mill-25 ta' Mejju 2018, f'liema data daħal fis-seħħ ir-Regolament 2016/679.

41 Il-Qorti tal-Ġustizzja ser teżamina d-domandi magħmula kemm fid-dawl ta' din id-direttiva kif ukoll fid-dawl ta' dan ir-regolament, sabiex tiżgura li r-risposti tagħha jkunu, fi kwalunkwe każ, utli għall-qorti tar-rinviju.

42 Waqt il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, Google esponiet li, wara t-tressiq tat-talba għal deċiżjoni preliminari, hija stabbilixxiet preżentazzjoni ġdida tal-verżjonijiet nazzjonali tal-mutur ta' tfittxija tagħha, li fil-kuntest tagħha l-isem tad-domain introdott mill-utent tal-internet ma kienx jiddetermina iktar il-verżjoni nazzjonali tal-mutur ta' tfittxija li dan jaċċedi għalih. Għalhekk, l-utent tal-internet issa huwa awtomatikament dirett lejn il-verżjoni nazzjonali tal-mutur ta' tfittxija ta' Google li jikkorrispondi għall-post li minnu huwa preżunt li jwettaq it-tfittxija u r-riżultati tagħha jintwerew abbażi ta' dan il-post, li huwa ddeterminat minn Google bl-għajnuna ta' proċess ta' ġeolokalizzazzjoni.

43 F'dawn iċ-ċirkustanzi, hemm lok li d-domandi magħmula, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, jinftiehmu bħala li jistaqsu, essenzjalment, jekk l-Artikolu 12(b) u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 14(a) tad-Direttiva 95/46 kif ukoll l-Artikolu 17(1) tar-Regolament 2016/679 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li, meta l-operatur ta' mutur ta' tfittxija jilqa' talba għal tneħħija ta' referenza b'applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet, għandu jwettaq din it-tneħħija ta' referenza mill-verżjonijiet kollha tal-mutur ta' tfittxija tiegħu, jew jekk, għall-kuntrarju, huwa obbligat li jwettaqha biss mill-verżjonijiet tiegħu li jikkorrispondu għall-Istati Membri kollha, jew, sempliċement, fuq dik li tikkorrispondi għall-Istat Membru li fih tressqet it-talba għal tneħħija ta' referenza, jekk ikun il-każ, flimkien mal-użu tat-teknika msejħa tal-"imblukkar ġeografiku" sabiex jiġi żgurat li utent tal-internet ma jkunx jista',

irrispettivament mill-verżjoni nazzjonali tal-mutur ta' tfittxija użat, jaċċedi, fil-kuntest ta' tfittxija mwettqa minn indirizz IP meqjus lokalizzat fl-Istat Membru ta' residenza tal-benefiċjarju tad-dritt għat-tneħħija ta' referenza jew, b'mod iktar wiesa', fi Stat Membru, għal-links ikkonċernati mit-tneħħija.

44 Qabelxejn, għandu jitfakkar li l-Artikolu 12(b) u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 14(a) tad-Direttiva 95/46 għandhom jiġu interpretati fis-sens li, sabiex jiġu rrispettati d-drittijiet previsti f'dawn id-dispożizzjonijiet u sakemm il-kundizzjonijiet previsti f'dawn id-dispożizzjonijiet ikunu effettivament issodisfatti, l-operatur ta' mutur ta' tfittxija huwa obbligat ineħħi mil-lista ta' riżultati, li tintwera wara tfittxija mwettqa fuq il-bażi tal-isem ta' persuna, links lejn paġni tal-internet, ippubblikati minn terzi u li jinkludu informazzjoni dwar din il-persuna, anki fil-każ fejn dan l-isem jew din l-informazzjoni ma jkunux tneħħew preċedentement jew simultanjament minn dawn il-paġni tal-internet, u dan, jekk ikun il-każ, anki meta l-pubblikazzjoni tagħhom fuq dawn il-paġni tkun, fiha nnifisha, leġittima (sentenza tat-13 ta' Mejju 2014, Google Spain u Google, C-131/12, EU:C:2014:317, punt 88).

45 Il-Qorti tal-Ġustizzja, barra minn hekk, speċifikat li, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet, għandu jiġi eżaminat b'mod partikolari jekk il-persuna kkonċernata għandhiex dritt li l-informazzjoni inkwistjoni dwar il-persuna tagħha ma tibqax attwalment marbuta ma' isimha permezz ta' lista ta' riżultati, li tintwera wara tfittxija mwettqa fuq il-bażi ta' isimha, mingħajr ma huwa meħtieġ, sabiex jiġi kkonstatat tali dritt, li l-inklużjoni tal-informazzjoni inkwistjoni fil-lista ta' riżultati tikkawża preġudizzju għal din il-persuna. Peress li din tal-aħħar tista', fid-dawl tad-drittijiet fundamentali tagħha taħt l-Artikoli 7 u 8 tal-Karta, titlob li l-informazzjoni inkwistjoni ma tibqax imqiegħda għad-dispożizzjoni tal-pubbliku ġenerali permezz tal-inklużjoni tagħha f'tali lista ta' riżultati, dawn id-drittijiet, bħala regola ġenerali, jipprevalu mhux biss fuq l-interess ekonomiku tal-operatur tal-mutur ta' tfittxija, iżda wkoll fuq l-interess ta' dan il-pubbliku li jkollu aċċess għall-imsemmija informazzjoni meta jwettaq tfittxija fuq il-bażi tal-isem ta' din il-persuna. Madankollu, dan ma jkunx il-każ jekk jidher, għal raġunijiet partikolari bħalma huwa r-rwol li l-imsemmija persuna jkollha fil-ħajja pubblika, li l-interferenza fid-drittijiet fundamentali tagħha tkun iġġustifikata mill-interess superjuri tal-imsemmi pubbliku li jkollu, minħabba din l-inklużjoni, aċċess għall-informazzjoni inkwistjoni (sentenza tat-13 ta' Mejju 2014, Google Spain u Google, C-131/12, EU:C:2014:317, punt 99).

46 Fil-kuntest tar-Regolament 2016/679, dan id-dritt għal tneħħija tal-persuna kkonċernata issa huwa bbażat fuq l-Artikolu 17 tiegħu, li jirregola b'mod speċifiku d-"dritt għal tħassir", imsejjaħ ukoll, fit-titolu ta' dan l-artikolu, "dritt li wieħed jintesa".

47 B'applikazzjoni tal-Artikolu 17(1) tar-Regolament 2016/679, il-persuna kkonċernata għandha d-dritt li tikseb mingħand il-kontrollur it-tħassir tad-data personali dwarha mingħajr dewmien żejjed u l-kontrollur għandu l-obbligu li jħassar din id-data personali mingħajr dewmien żejjed, jekk tkun tapplika waħda mir-raġunijiet elenkati minn din id-dispożizzjoni. L-Artikolu 17(3) ta' dan ir-regolament jispeċifika li l-imsemmi Artikolu 17(1) ma japplikax sa fejn l-ipproċessar inkwistjoni huwa neċessarju għal waħda mir-raġunijiet elenkati f'din l-ewwel dispożizzjoni. Dawn ir-raġunijiet ikopru, b'mod partikolari, skont l-Artikolu 17(3)(a) tal-imsemmi regolament, l-eżerċizzju tad-dritt dwar, b'mod partikolari, il-libertà ta' informazzjoni tal-utenti tal-internet.

48 Mill-Artikolu 4(1)(a) tad-Direttiva 95/46 u mill-Artikolu 3(1) tar-Regolament 2016/679 jirriżulta li kemm din id-direttiva kif ukoll dan ir-regolament jippermettu lill-persuni kkonċernati jinvokaw id-dritt tagħhom għat-tneħħija ta' referenza fil-konfront tal-operatur ta' mutur ta' tfittxija li jiddisponi minn stabbiliment wieħed jew iktar fit-territorju tal-Unjoni, fil-kuntest tal-attivitajiet li permezz tagħhom huwa jwettaq ipproċessar ta' data personali li jikkonċerna lil dawn il-persuni, u dan indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk dan l-ipproċessar iseħħx jew le fl-Unjoni.

49 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li pproċessar ta' data personali jitwettaq fil-kuntest tal-attivitajiet ta' stabbiliment tal-kontrollur ta' dan l-ipproċessar fit-territorju ta' Stat Membru meta l-operatur ta' mutur ta' tfittxija joħloq fi Stat Membru fergħa jew sussidjarja intiża sabiex tiżgura l-promozzjoni u l-bejgħ tal-ispazji ta' reklamar proposti minn dan il-mutur u li l-attività tagħha tkopri r-residenti ta' dan l-Istat Membru (sentenza tat-13 ta' Mejju 2014, Google Spain u Google, C-131/12, EU:C:2014:317, punt 60).

50 Fil-fatt, f'tali ċirkustanzi, l-attivitajiet tal-operatur tal-mutur ta' tfittxija u dawk tal-istabbiliment tiegħu li jkun jinsab fl-Istat Membru ikkonċernat ikunu marbuta b'mod inseparabbli peress li l-attivitajiet marbuta mal-ispazji ta' reklamar jikkostitwixxu l-mezz sabiex il-mutur ta' tfittxija inkwistjoni jkun ekonomikament profittabbli u peress li, fl-istess ħin, dan il-mutur huwa l-mezz li permezz tiegħu jistgħu jitwettqu dawn l-attivitajiet, ir-riżultati jintwerew, fuq l-istess paġna, flimkien ma' reklamar marbut mal-kliem ta' tfittxija (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Mejju 2014, Google Spain u Google, C-131/12, EU:C:2014:317, punti 56 u 57).

51 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-fatt li dan il-mutur ta' tfittxija jkun operat minn impriża ta' Stat terz ma jistax ikollu bħala konsegwenza li l-ipproċessar ta' data personali mwettaq għall-bżonnijiet tal-funzjonament tal-imsemmi mutur ta' tfittxija fil-kuntest tal-attività ta' reklamar u kummerċjali ta' stabbiliment tal-kontrollur ta' dan l-ipproċessar fit-territorju ta' Stat Membru jkun eżentat mill-obbligi u mill-garanziji previsti mid-Direttiva 95/46 u mir-Regolament 2016/679 (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Mejju 2014, Google Spain u Google, C-131/12, EU:C:2014:317, punt 58).

52 F'dan il-każ, mill-indikazzjonijiet ipprovduti mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta, minn naħa, li l-istabbiliment li għandu Google fit-territorju Franċiż jeżerċita attivitajiet, b'mod partikolari kummerċjali u ta' reklamar, li huma marbuta b'mod inseparabbli mal-ipproċessar ta' data personali mwettaq għall-bżonnijiet tal-funzjonament tal-mutur ta' tfittxija kkonċernat u, min-naħa l-oħra, li dan il-mutur ta' tfittxija għandu, fid-dawl, b'mod partikolari, tal-eżistenza ta' passaġġi bejn id-diversi verżjonijiet nazzjonali tiegħu, jitqies bħala li jwettaq ipproċessar ta' data personali unika. Il-qorti tar-rinviju tikkunsidra li, f'dawn iċ-ċirkustanzi, l-imsemmi pproċessar isir fil-kuntest tal-istabbiliment ta' Google li jinsab fit-territorju Franċiż. Għalhekk jidher li tali sitwazzjoni taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni territorjali tad-Direttiva 95/46 u tar-Regolament 2016/679.

53 Bid-domandi tagħha, il-qorti tar-rinviju tixtieq tiddetermina l-portata territorjali li għandha tingħata għal tneħħija ta' referenza f'sitwazzjoni bħal din.

54 F'dan ir-rigward, mill-premessa 10 tad-Direttiva 95/46 u mill-premessi 10, 11 u 13 tar-Regolament 2016/679, li ġie adottat fuq il-bażi tal-Artikolu 16 TFUE, jirriżulta li l-għan ta' din id-direttiva u ta' dan ir-regolament huwa li jiġi ggarantit livell għoli ta' protezzjoni tad-data personali fl-Unjoni kollha.

55 Ċertament, tneħħija ta' referenza mwettqa mill-verżjonijiet kollha ta' mutur ta' tfittxija hija ta' natura li tilħaq bis-sħiħ dan l-għan.

56 Fil-fatt, l-internet huwa netwerk dinji mingħajr konfini u l-muturi ta' tfittxija jagħtu natura omnipreżenti lill-informazzjoni u lil-links inklużi f'lista ta' riżultati li tintwera wara tfittxija mwettqa fuq il-bażi tal-isem ta' persuna fiżika (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-13 ta' Mejju 2014, Google Spain u Google, C-131/12, EU:C:2014:317, punt 80, kif ukoll tas-17 ta' Ottubru 2017, Bolagsupplysningen u Ilsjan, C-194/16, EU:C:2017:766, punt 48).

57 F'dinja globalizzata, l-aċċess tal-utenti tal-internet, b'mod partikolari ta' dawk li jinsabu barra mill-Unjoni, għal link li tagħmel riferiment għal informazzjoni fuq persuna li ċ-ċentru ta' interessi tagħha jinsab fl-Unjoni jista' jipproduċi għalhekk fuq din tal-aħħar effetti immedjati u sostanzjali fi ħdan l-Unjoni stess.

58 Tali kunsiderazzjonijiet huma ta' natura li jiġġustifikaw l-eżistenza ta' kompetenza tal-leġiżlatur tal-Unjoni sabiex jipprevedi l-obbligu, għall-operatur ta' mutur ta' tfittxija, li jwettaq, meta huwa jilqa' talba għat-tneħħija ta' referenza magħmula minn tali persuna, tneħħija ta' referenza mill-verżjonijiet kollha tal-mutur tiegħu.

59 Madankollu, għandu jiġi enfasizzat li ħafna Stati terzi ma jirrikonoxxux id-dritt għat-tneħħija ta' referenza jew jadottaw approċċ differenti għal dan id-dritt.

60 Barra minn hekk, id-dritt għall-protezzjoni tad-data personali ma huwiex dritt assolut, iżda għandu jiġi kkunsidrat b'rabta mal-funzjoni tiegħu fis-soċjetà u jkun ibbilanċjat ma' drittijiet fundamentali oħrajn, skont il-prinċipju ta' proporzjonalità (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Novembru 2010, Volker und Markus Schecke u Eifert, C-92/09 u C-93/09, EU:C:2010:662, punt 48, kif ukoll l-Opinjoni 1/15 (Ftehim PNR UE-Kanada) tas-26 ta' Lulju 2017, EU:C:2017:592, punt 136). Minbarra dan, għandu jingħad ukoll li l-bilanċ bejn id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali, minn naħa, u l-libertà ta' informazzjoni tal-utenti tal-internet, min-naħa l-oħra, jista' jvarja b'mod sinjifikattiv madwar id-dinja kollha.

61 Issa, għalkemm il-leġiżlatur tal-Unjoni, fl-Artikolu 17(3)(a) tar-Regolament 2016/679, wettaq ibbilanċjar bejn dan id-dritt u din il-libertà fir-rigward tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-lum, GC *et* (Tneħħija ta' data sensittiva), C-136/17, punt 59), għandu jiġi kkonstatat li, għall-kuntrarju, huwa, attwalment, ma wettaqx tali bbilanċjar f'dak li jirrigwarda l-portata ta' tneħħija ta' referenza barra mill-Unjoni.

62 B'mod partikolari, bl-ebda mod ma jirriżulta mill-kliem tal-Artikolu 12(b) u tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 14(a) tad-Direttiva 95/46 jew tal-Artikolu 17 tar-Regolament 2016/679 li l-leġiżlatur tal-Unjoni, sabiex jiggarantixxi t-twettiq tal-għan imsemmi fil-punt 54 ta' din is-sentenza, jagħżel li jagħti lid-drittijiet stabbiliti f'dawn id-dispożizzjonijiet portata li tmur lil hinn mit-territorju tal-Istati Membri u li huwa kellu l-intenzjoni jimponi fuq operatur li, bħal Google, jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva jew ta' dan ir-regolament obbligu ta' tneħħija ta' referenza li jirrigwarda wkoll il-verżjonijiet nazzjonali tal-mutur ta' tfittxija tiegħu li ma jikkorrispondux għall-Istati Membri.

63 Barra minn hekk, filwaqt li r-Regolament 2016/679 jipprovdi, fl-Artikoli 56 u 60 sa 66 tiegħu, lill-awtoritajiet ta' sorveljanza tal-Istati Membri l-istrumenti u l-mekkaniżmi li jippermettulhom, jekk ikun il-każ, li jikkooperaw bil-għan li jaslu għal deċiżjoni komuni bbażata fuq ibbilanċjar bejn id-dritt tal-persuna kkonċernata għar-rispett tal-ħajja privata tagħha u għall-protezzjoni tad-data personali li tirrigwardaha u l-interess tal-pubbliku ta' Stati Membri differenti li jkollhom aċċess għal informazzjoni, għandu jiġi kkonstatat li attwalment id-dritt tal-Unjoni ma jipprevedix tali strumenti u mekkaniżmi ta' kooperazzjoni f'dak li jirrigwarda l-portata ta' tneħħija ta' referenza barra mill-Unjoni.

64 Minn dan isegwi li, attwalment, għall-operatur ta' mutur ta' tfittxija li jilqa' talba għat-tneħħija ta' referenza mressqa mill-persuna kkonċernata, jekk ikun il-każ, wara ordni ta' awtorità ta' superviżjoni jew ta' awtorità ġudizzjarja ta' Stat Membru, ma hemmx obbligu li jirriżulta mid-dritt tal-Unjoni għal twettiq ta' tali tneħħija ta' referenza mill-verżjonijiet kollha tal-mutur tiegħu.

65 Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, l-operatur ta' mutur ta' tfittxija ma huwiex obbligat, skont l-Artikolu 12(b) u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 14(a) tad-Direttiva 95/46, kif ukoll skont l-Artikolu 17(1) tar-Regolament 2016/679, iwettaq tneħħija ta' referenza mill-verżjonijiet kollha tal-mutur tiegħu.

66 Fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk tali tneħħija ta' referenza għandhiex issir mill-verżjonijiet tal-mutur ta' tfittxija li jikkorrispondu għall-Istati Membri jew mill-verżjoni ta' dan il-mutur li tikkorrispondi għall-Istat Membru ta' residenza tal-benefiċjarju tat-tneħħija ta' referenza, jirriżulta b'mod partikolari mill-fatt li l-leġiżlatur tal-Unjoni issa għażel li jistabbilixxi r-regoli fil-qasam tal-protezzjoni tad-data

permezz ta' regolament, li huwa direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha, u dan, kif enfasizzat fil-premessa 10 tar-Regolament 2016/679, sabiex jiġi żgurat livell koerenti u għoli ta' protezzjoni fl-Unjoni kollha u sabiex jitneħħew l-ostakoli għall-flussi ta' data fiha, li t-tneħħija ta' referenza inkwistjoni għandha, bħala prinċipju, tiġi applikata għall-Istati Membri kollha.

67 Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li l-interess tal-pubbliku li jaċċedi għal informazzjoni jista', anki fl-Unjoni, ivarja minn Stat Membru għal ieħor, b'tali mod li r-riżultat tal-ibbilanċjar li għandu jsir bejn dan tal-aħħar, minn naħa, u d-drittijiet għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali tal-persuna kkonċernata, min-naħa l-oħra, ma huwiex neċessarjament l-istess għall-Istati Membri kollha, iktar u iktar peress li, skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva 95/46 u l-Artikolu 85 tar-Regolament 2016/679, huma l-Istati Membri li għandhom jipprevedu, b'mod partikolari għall-ipproċessar li jitwettaq unikament għal finijiet ġurnalistiċi jew ta' espressjoni artistika jew letterarja, eżenzjonijiet u derogi neċessarji sabiex dawn id-drittijiet jiġu kkonċiljati, b'mod partikolari, mal-libertà ta' informazzjoni.

68 Jirriżulta b'mod partikolari mill-Artikoli 56 u 60 tar-Regolament 2016/679 li, għall-ipproċessar transkonfinali, fis-sens tal-punt 23 tal-Artikolu 4 tiegħu, u bla ħsara għal dan l-Artikolu 56(2), id-diversi awtoritajiet ta' superviżjoni nazzjonali kkonċernati għandhom jikkooperaw, skont il-proċedura prevista minn dawn id-dispożizzjonijiet, sabiex jaslu għal qbil u għal deċiżjoni waħda li torbot lil dawn l-awtoritajiet kollha u li l-kontrollur tagħhom għandu jiżgura l-osservanza fir-rigward tal-attivitajiet ta' pproċessar li jitwettqu fil-kuntest tal-istabbilimenti kollha tiegħu fl-Unjoni. Barra minn hekk, l-Artikolu 61(1) tar-Regolament 2016/679 jobbliga lill-awtoritajiet ta' kontroll b'mod partikolari li jgħaddu l-informazzjoni utli u li jgħinu lil xulxin sabiex jimplimentaw u japplikaw dan ir-regolament b'mod koerenti fl-Unjoni kollha u l-Artikolu 63 tal-imsemmi regolament jispeċifika li huwa għal dan il-għan li huwa previst il-mekkaniżmu ta' kontroll tal-koerenza, stabbilit fl-Artikoli 64 u 65 tal-istess regolament. Fl-aħħar nett, il-proċedura ta' urġenza prevista fl-Artikolu 66 tar-Regolament 2016/679 tippermetti, f'ċirkustanzi eċċezzjonali, meta awtorità ta' superviżjoni kkonċernata tikkunsidra li huwa urġenti li tintervjeni sabiex tipproteġi d-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni kkonċernati, li tadotta immedjatament miżuri provviżorji intiżi li jipproduċu effetti legali fit-territorju tagħha stess u li għandhom perijodu ta' validità stabbilit li ma jeċċedix tliet xhur.

69 Dan il-qafas regolatorju jipprovdi għalhekk lill-awtoritajiet ta' kontroll nazzjonali l-istrumenti u l-mekkaniżmi neċessarji sabiex jiġu rrikonċiljati d-drittijiet għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali tal-persuna kkonċernata mal-interess tal-pubbliku ġenerali tal-Istati Membri li jaċċedi għall-informazzjoni inkwistjoni u, għalhekk, sabiex tiġi adottata, jekk ikun il-każ, deċiżjoni ta' tneħħija ta' referenza li tkopri t-tfittxija kollha mwettqa abbażi tal-isem ta' din il-persuna mit-territorju tal-Unjoni.

70 Barra minn hekk, huwa l-operatur tal-mutur ta' tfittxija li għandu jieħu, jekk neċessarju, miżuri suffiċjentement effikaċi sabiex jiżgura protezzjoni effettiva tad-drittijiet fundamentali tal-persuna kkonċernata. Dawn il-miżuri għandhom, huma stess, jissodisfaw ir-rekwiżiti legali kollha u jkollhom bħala effett li jimpedixxu jew, tal-inqas, li serjament jiskoraġġixxu lill-utenti tal-internet fl-Istati Membri li jkollhom aċċess għal-links inkwistjoni minn tfittxija mwettqa fuq il-bażi tal-isem ta' din il-persuna (ara, b'analoġija, is-sentenzi tas-27 ta' Marzu 2014, UPC Telekabel Wien, C-314/12, EU:C:2014:192, punt 62, u tal-15 ta' Settembru 2016, Mc Fadden, C-484/14, EU:C:2016:689, punt 96).

71 Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk, fid-dawl ukoll tal-emendi reċenti tal-mutur ta' tfittxija tagħha, indikati fil-punt 42 ta' din is-sentenza, il-miżuri adottati jew proposti minn Google jissodisfawx dawn ir-rekwiżiti.

72 Fl-aħħar nett, għandu jiġi enfasizzat li, għalkemm, kif ġie rrilevat fil-punt 64 ta' din is-sentenza, id-dritt tal-Unjoni ma jimponix, attwalment, li t-tneħħija ta' referenza milqugħa tiġi applikata għall-verżjonijiet kollha tal-mutur ta' tfittxija inkwistjoni, huwa lanqas ma jipprojbixxi dan. Għaldaqstant, awtorità ta' superviżjoni jew awtorità ġudizzjarja ta' Stat Membru tibqa' kompetenti sabiex twettaq, fid-dawl

tal-istandards nazzjonali ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-26 ta' Frar 2013, Åkerberg Fransson, C-617/10, EU:C:2013:105, punt 29, u tas-26 ta' Frar 2013, Melloni, C-399/11, EU:C:2013:107, punt 60), ibbilanċjar, minn naħa, bejn id-dritt tal-persuna kkonċernata għar-rispett tal-ħajja privata tagħha u għall-protezzjoni tad-data personali li tirrigwardaha, u, min-naħa l-oħra, id-dritt għal-libertà ta' informazzjoni, u, fi tmiem dan l-ibbilanċjar, tordna, skont il-każ, lill-operatur ta' dan il-mutur ta' tfittxija jwettaq tneħħija ta' referenza mill-verżjonijiet kollha tal-imsemmi mutur.

73 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, ir-risposta għad-domandi magħmula għandha tkun li l-Artikolu 12(b) u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 14(a) tad-Direttiva 95/46 kif ukoll l-Artikolu 17(1) tar-Regolament 2016/679 għandhom jiġu interpretati fis-sens li, meta l-operatur ta' mutur ta' tfittxija jilqa' talba għal tneħħija ta' referenza b'applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet, huwa għandu jwettaq din it-tneħħija ta' referenza mhux mill-verżjonijiet kollha tal-mutur tiegħu iżda mill-verżjonijiet tiegħu li jikkorrispondu għall-Istati Membri kollha u dan, jekk meħtieġ, flimkien ma' miżuri li, filwaqt li jissodisfaw ir-rekwiżiti legali, jippermettu effettivament li jimpedixxu jew, tal-inqas, li serjament jiskoraġġixxu lill-utenti tal-internet li jwettqu tfittxija fuq il-bażi tal-isem tal-persuna kkonċernata minn wieħed mill-Istati Membri li jkollhom, permezz tal-lista ta' riżultati li tintwera wara din it-tfittxija, aċċess għal-links li huma s-suġġett ta' din it-talba.

Fuq l-ispejjeż

74 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 12(b) u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 14(a) tad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data, kif ukoll l-Artikolu 17(1) tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data), għandhom jiġu interpretati fis-sens li, meta l-operatur ta' mutur ta' tfittxija jilqa' talba għal tneħħija ta' referenza b'applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet, huwa għandu jwettaq din it-tneħħija ta' referenza mhux mill-verżjonijiet kollha tal-mutur tiegħu iżda mill-verżjonijiet tiegħu li jikkorrispondu għall-Istati Membri kollha u dan, jekk meħtieġ, flimkien ma' miżuri li, filwaqt li jissodisfaw ir-rekwiżiti legali, jippermettu effettivament li jimpedixxu jew, tal-inqas, li serjament jiskoraġġixxu lill-utenti tal-internet li jwettqu tfittxija fuq il-bażi tal-isem tal-persuna kkonċernata minn wieħed mill-Istati Membri li jkollhom, permezz tal-lista ta' riżultati li tintwera wara din it-tfittxija, aċċess għal-links li huma s-suġġett ta' din it-talba.

Firem